MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Numru 178/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

Joseph Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Joseph Micallef karta ta' identita' numru 33447(M) akkuzat talli bejn it-3 ta' Novembru 1995 u l-14 ta' Awissu 1999 fil-fond "Torris Supermarket" Triq Gheriexen, Rabat, bhala detentur tal-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal Lm2959.44 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;
2. ghamel hsara jew kisser parti minn meter ta’ l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista ta’ l-elettriku jew is-sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghal Lm12.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom bghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tieghu;

Semghet l-ahhar xhieda tal-prosekuzzjoni u d-dikjarazzjoni taghha li ma kienx fadlilha aktar xhieda;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tinstema’ sommarjament u semghet lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat.

Ai termini ta’l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat ta’ serq ta’ konsum ta’ elettriku aggravat bil-mezz, valur u hin u bi hsara volontarja fil-meter.

Jirrisulta mill-provi li meta l-impjegati tal-Korporazzjoni accedew fil-fond in kwistjoni, fejn kien installat il-meter, u dana fuq ‘requisition’, jigifieri fuq rapport tal-konsumatur, sabu irregularitajiet ezistenti f’dan il-meter. Dawn kienu jikkonsistu sija f’ticrita kbira fuq ix-xellug u l-lemin tal-meter, sija li l-meter kellhu l-injama tieghu imdendla biss permezz ta’ musmar mal-hajt, u sija li s-sigill l-ahmar kien maqlugh u dak tas-service box kien maqtugh. Riskontrati u pruvati dawn l-irregolaritajiet il-prova waqat fuq l-imputat sabiex juri li ma kienx jaf li minhabba l-irregolaritajiet kien qiehed jittiehed konsum illegittimu ta’ elettriku. Issa, apparti li mill-provi ma rrisultax sodisfacjentement pruvat li kien verament qieghed jittihed dawl illegittimament – ix-xhud Silvio Decelis, ufficjal esekuttiv tal-Korporazzjoni,

xehed f'dan il-kuntest, li l-meter setgha ntlaqat, u li hu kien hadem l-allegat tehid illegittimu ta' konsum mill-perjodu minn 1995 san-1999 ghaliex il-fond kien riferut bhala 'supermarket' u 'l-apparat originarju mhux bilfors kien dak li jezisti illum' – l-imputat ipprovda spjegazzjoni verosimili, li tattalja mal-hsarat riskontrati fil-meter, li kien propju minhabba li ntlaqat minn travu li gew ikkawzati l-hsarat u hu kien immedjatament cempel u rraporta l-hsara lill-Korporazzjoni. Jigifieri f'dan il-kaz hemm biss pruvat fic-cert li l-meter kellhu l-hsara, pero' ma giex pruvat li kien hemm xi tehid ta' kurrent illegittimament, u, l-imputat irnexxilu jehleb l-presunzjoni mixhuta fuqu billi ta spjegazzjoni verosimili u attendibbli tal-kawza li kkagunat il-hsara. Fid-dawl ta' dan l-imputat ma jistax ghalhekk jinstab hati tal-ewwel akkuza.

Fir-rigward it-tieni akkuza, mill-provi jirrisulta li l-imputazzjoni sostnuta fuq il-hsara volontarja ma tistax treggi. F'dan il-kaz lanqas tista tirrisulta dik minuri tal-hsara involontarja u dana fil-konfront tal-imputat billi l-prosekuzzjoni, kif kien hawnhekk jinkombi fuqha, naqset mill-prova li kien l-imputat li kkaguna dina l-hsara involontarja.

Ghaldaqstant, taqta' u tiddecidi, billi tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u konsegwenti htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------